KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 415 (8-42)

It-Tnejn 29 ta' Novembru 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit (daħlet fis-6.46pm, ħarġet fis-7.50pm)
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant (Daħal fis-6.35pm
Il-Kunsillier Julian Borg (ħareġ 7.40pm)
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Viċi Sindku Rodianne Haber

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**415.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku.

**415.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 414. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku ssekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

**415.2.1** 414.3.4 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-attivita' Achievers u l-attivita' li ser tittella mill-Football Club huma separati minħabba li huma diġa għandhom finanzjament minn entita' oħra. Hija qalet li l-proġett Achievers ser isir skond il-ftehim iffirmat u qegħda tikkoordina għal-loġistika meħtieġa flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**415.2.2** 414.3.5 Is-Sindku rrefera għat-talba ta' finanzjament għal produzzjoni 'Ħakka t'Għajn', u qal li l-Kunsill għamel talba formali lid-Dipartiment Anzjanita' Attiva' għal għajnuna finanzjarja. Id-dipartiment wieġbu li diġa ffinanzjaw l-editjar tal-video u hemm agreement ta' €500 meta jkun lest id-dokumentarju. Is-Sindku propona li l-Kunsill joffri għajuna ta' €200 għal dan il-proġett. Il-Kunsill unanimament qabel.

**415.2.3** 414.20.5 Il-Kunsilliera Francine Farrugia rreferiet għal attivita' tal-murals li kellha tiġi mħassra. Hija esprimiet id-diżappunt tagħha fir-rigward minħabba li intilef finanzjament minn Right to Smile għal din l-attivita', u qalet li dak inhar stess saret attivita' ta' tindif mill-Kunsill fejn il-parteċipazzjoni kienet fqira. Hija qalet li jiddispjaċiha li l-impenn tagħha jintilef minħabba nuqqas ta' koordinament u komunikazzjoni bejn il-Kunsilliera, meta inizjattivi bħal dawn igawdu minnhom ir-residenti kollha. Is-Sindku qal li jifhem id-diżappunt tal-kunsilliera u qal li kull kunsillier huwa responsabbli li jimpenja ruħu fid-dekasteru li tiegħu hu responsabbli. Hu qal li huwa konxju li hemm nuqqas ta' impenn minn ċertu Kunsilliera li jtellfu wkoll l-impenn u l-entużjażmu ta' min verament irid jaħdem u jinsisti.

**415.2.4** 414.20.1 Il-Kunsillier irrefera għall-approvazzjoni tal-installazjoni ta' bozza fi sqaq San Ġwann. Huwa qal li filwaqt li r-residenti kienu irringrazjaw lill-Kunsill tal-installazjoni, il-bozza li twaħħlet hija LED u ma tixraqx mal-ambjent storiku taċ-ċentru tar-raħal. Huwa saqsa l-possibilita' li eventwalment tinbidel u jeħel fanal dekorattiv. Is-Segeratrju Eżekuttiv qalet li ser tiċċekja mal-Kuntrattur jekk humhiex disponibbli u kemm tiswa. Intant, intbagħtet l-applikazzjoni tal-bozza lill-Enemalta biex tiġi konnessa.

**415.2.5** 414.3.2 Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, iltaqgħu mas-S.P. Deo Debattista u d-DG Ramon Deguara fejn issemmew numru ta' sfidi li l-Kunsill jiltaqa' magħhom fil-lokalita', fosthom il-problema ta' materjal minn trakkijiet tal-barrieri fit-toroq, rimi illegali fil-kampanja, skart ta' kostruzzjoni u anka il-problema attwali tal-kuntratt tal-ġbir ta' skart domestiku u organiku. Is-Sindku qal li d-Dipartiment offra assistenzja f'każ li jkun hemm problema fit-tender biex is-servizz ikun jista jiġi provdut.

Is-Sindku qal li irċevejna draft ta' MOU, li qed jiġi ċċirkolat lill-Kunsilliera, għal għajnuna fost l-oħrajn ta' ħasil tat-toroq u disinfestazzjoni kull ġimgħatejn, għajnuna fit-tindif speċjalment fil-kampanja u fl-iskart tal-kostruzzjoni u ġbir ta' karkassi. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jekk hemm xi proposti jgħadduhom lis-Segretarju Eżekuttiv sa din il-ġimgħa, biex eventwalment ikun jista jsir l-iffirmar.

**415.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**415.3.1** Laqgħa ma' Infrastructure Malta

Is-Sindku rrefera għal-laqgħa mal-Uffiċjali ta' Infrastructure Malta li għaliha attenda hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fejn ġew diskussi diversi punti fosthom: il-bżonn ta' patching maġġuri f'diversi toroq fil-qalba tas-Siġġiewi, il-ftuħ ta' Triq Annabelle Vassallo u Triq l-Imqabba, kif ukoll tranġar tal-area Ta' Brija quddiem iċ-ċimiterju l-antik li tħalliet żdingata, problema ta' għargħar f'diversi partijiet fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi u xogħol tat-tieni fażi tat-triq, l-esproprijazzjoni ta' diversi artijiet biex jinfetħu toroq u għalhekk titjieb iċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku fis-Siġġiewi. Is-Sindku qal li l-maġġor parti ta' dawn il-punti kienu diġa ġew diskussi f'laqgħat preċedenti u ser nibqgħu insegwuhom. Huwa qal li wara l-laqgħa, intbagħat rapport dettaljat dwar dawn it-talbiet.

Il-kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk issemmewx ukoll it-toroq tal-bdiewa biex jingħataw wiċċ. Is-Sindku qal li jekk ikun hemm talbiet oħrajn nistgħu inressquhom lil IM.

**415.3.2** Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier

Is-Sindku qal li fil-jiem li għaddew saru testijiet ġeoloġiċi fuq il-blat ta' bejn it-triq u l-għelieqi għal fini ta' retaining wall, u b'hekk ikun jista jiġi stabbilit jekk hemmx varjazzjoni fil-BOQ. Is-Sindku qal li skond informazzjoni ġiet sottomessa l-applikazzjoni mal-PA mill-Periti tal-INDIS u ser iżommuna aġġornati fuq l-andament.

**415.3.3** Restawr fuq l-istatwa ta' San Nikola tal-Pjazza

Is-Sindku qal li x-xogħol wasal f'fażi finali u l-inawgurazzjoni tal-proġett pjanata għal nhar it-Tnejn 6 ta' Diċembru 2021, fil-11.00 ta' filgħodu. Huwa qal li jonqos l-aħħar ċertifikazzjoni mis-Sovrintendenza biex b'hekk ikun jista' jiżżarma l-iscaffolding u jsiru l-aħħar irtokki fuq il-pedestall. Is-Sindku qal li kif fil-pjan oriġinali tneħħew il-fanali ta' mad-dawra u ser issir applikazzjoni biex titranġa l-bankina tal-bażi. Ser isiru wkoll linji doppji biex ma jipparkjawx vetturi biswit l-istatwa biex tiġi evitata kemm ħsara u anka periklu.

**415.3.4** Restawr ta' statwi Tal-Għolja

Is-Sindku informa li x-xogħol fuq it-tieni set ta' statwi miexi sew u sal-ġimgħa l-kbira huwa previst li r-restawr fuq l-istatwi kollha jkun lest.

**415.3.5** Laqgħa dwar proposti tat-traffiku

Is-Sindku propona laqgħa fejn jiġu diskussi l-proposti tat-traffiku nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru 2021 fl-4.00pm. Huwa qal li f'din il-laqgħa ser jiġu diskussi l-proposti,u suġġerimenti relatati mat-traffiku fejn imbgħad jiġi mibgħuta lil Transport Malta għall-approvazzjoni. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera jressqu l-proposti tagħhom qabel ħalli tilħaq issir il-preparazzjoni meħtieġa u biex jattendu għal-laqgħa.

**415.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**415.4.1** Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**415.5 Tenders**

**415.5.1 Tender LCS38/21 – Service for the Collection of Mixed Household Waste for the Siġġiewi Local council in an Environmentally Friendly Manner**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tlestiet l-evalwazzjoni tat-tender LCS38/21. Hija qalet li ġiet sottomessa offerta waħda biss għall-ammont ta' €110,230. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-rata ta' kull ġabra għoliet minn €199 għal €552 u dan żgur li ser jaffetwa drastikament il-budget għas-sena d-dieħla. Hija qalet li t-tender kien konformi u l-bord jirrakkomanda din l-offerta. Is-Sindku talab l-approvazzjoni. Il-Kunsill approva unanimament. Is-Sindku qal li fis-sitwazzjoni preżenti ta' emerġenza, u peress li l-kuntrattur attwali avża li ser jieqaf b'mod imminenti, is-servizz tal-kuntrattur il-ġdid ser jibda mill-1 ta' Diċembru 2021. Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-kuntrattur biex jiġu ċċarati ċerti problemi attwali u anka r-rotta speċjalment taż-żona rurali. Huwa talab il-kollaborazzjoni tal-kunsilliera almenu sakemm tindara ir-rotta u anka biex kull ilment li jirċievu jgħaddi mill-ewwel lill-uffiċċju biex jiġi infurmat il-kuntrattur.

**415.5.2 Tender LCS14/2021 – Maintenance and Construction of Pavements and Kerbs using Concrete Method and using non-slip lava paving slabs**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm 4 sottomissjonijiet. Wara li ġew evalwati u ċċekjati għal compliance, il-bord irrakkomanda is-sottomissjoni ta' JL Bors. bħala l-iktar waħda vantaġġjuża. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unananimament ir-rakkomandazjoni tal-bord.

**415.5.6 Tender LCS17/21 – Patching of Roads in the locality of Siggiewi**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm 3 sottomissjonijiet. Wara li ġew evalwati u ċċekjati għal compliance, il-bord irrakkomanda is-sottomissjoni ta' Elles Urban Services Ltd. bħala l-iktar waħda vantaġġjuża. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unananimament ir-rakkomandazjoni tal-bord.

**415.5.7 Tender LCS10/20/1 – Restoration of Statue of St Nicholas Including Pedestal Base in Siġġiewi Under Measure 1 of the Leader Programme**

Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-kuntratt ta' xogħol u qalet li minħabba diversi sitwazzjonijiet diġa msemmija fis-Seduti preċedenti, il-Kuntratt LCS10/20/1 għandu jiġi imġedded sat-tlestija tax-xogħol, previst sal- aħħar tas-sena 2021 u dan skond il-Kundizzjonijiet Ġenerali għax-xogħolijiet V.4 Artiklu 33. Is-Sindku propona l-estensjoni tal-Kuntratt. Il-Kunsill unanimament approva.

**415.5.8 Tender LCS7/2020 – Reconstruction and restoration of Rubble walls in Siġġiewi under Measure 4.4 of teh European Agricultural Fund for Rural Development**

Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-kuntratt ta' xogħol u qalet li minħabba diversi raġunijiet fosthom relatati mal-pandemija kif ukoll mas-sitwazzjoni tat-tempo li mpedew l-eżekuzzjoni tax-xogħol, il-Kuntratt LCS7/2020 għandu jiġi imġedded għal sena, u dan skond il-Kundizzjonijiet Ġenerali għax-xogħolijiet V.4 Artiklu 33. Is-Sindku propona l-estensjoni tal-Kuntratt. Il-Kunsill unanimament approva.

**415.6 Attivita' għall-Milied 2021 – Aġġornament**

Is-Sindku qal li minħabba r-restrizzjonijiet mid-Dipartiment tas-Saħħa, l-attivita' ser issir fuq skala iżgħar. Huwa pjanat li minflok tkun mifruxa fuq Triq San Nikola, l-attivita' ser tkun ibbażata fil-wesgħa mal-ġenb tal-Knisja, fi Triq il-Parroċċa. Ġew riċevuti disa' applikazzjonijiet minn għaqdiet u individwi biex jarmaw bi stalls. Is-Sindku qal li qed jitħejja l-programm u ser ikunu involuti ż-żewġ għaqdiet tal-banda, kemm fil-programm tal-Milied u anka għall-inawgurazzjoni ta' San Nikola fis-6 ta' Diċembru. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jagħtu l-kontribut tagħhom fl-organizzazjoni tal-attivitajiet tal-Kunsill u li attivitajiet simili ma jistgħux jaqgħu kollha fuq l-amministrazzjoni.

415.7 **Proġett 'Reading Garden' – Aġġornament**

Is-Sindku preżenta l-pjanta emendata tal-proġett wara li ġew trattati d-diversi issues u anka l-kwistjoni tas-siġar taċ-ċipress. Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk b'dan il-proġett hix ikkonsidrata l-problema tal-flooding fil-bypass u jekk hemmx xi ħsieb ta' ġbir ta' ilma tax-xita biex jintuża għat-tisqija. Is-Sindku qal li hemm inkorporati culverts biex ma ssirx ħsara lir-residenza tal-post. Il-problema tal-għargħar f'diversi partijiet tal-bypass ġiet imressqa lill-Infrastructure Malta kif imsemmi iktar 'il quddiem. Is-Sindku qal li f'dan l-istadju tista ssir l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

415.8 **Tismija ta' toroq fiż-żona Ramija**

Is-Sindku rrefera għat-talba mill-kumitat Tismija tat-Toroq biex il-ħames friegħi ta' triq li bħalissa jisimhom kollha Triq Ramija u li għalhekk qed joħolqu inkonvenjent kbir lir-residenti kemm għal posta, delivery jew f'każ ta' ambulanza, jingħataw isem differenti. Is-Sindku preżenta l-pjanta mqassma kif issuġġerit mill-Kumitat u l-ismijiet tal-personaġġi proposti: Grezzju Pace, Nikola Mangion, Donia Baldacchino u Geraldu Vella. Il-Kunsillier Julian Borg issuġġerixxa il-ħames isem ikun ta' Karmenu Bonello, vittma tal-kamra tan-nar. Huwa qal li dan il-persuna mis-Siġġiewi jissimbolizza lil dawk il-volontarji kollha li jaħdmu b'namur għall-festa ta' San Nikola. Il-Kunsilliera unanimament qablu f'din il-proposta. Is-Sindku qal li għandha tintbagħat ittra lir-residenti involuti b'din il-proposta u informazzjoni fuq x'jinvolvi l-bdil ta' isem tat-triq. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li ma taqbilx li ma għandhiex issir laqgħa mar-residenti biex ikunu jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom. Is-Sindku qal li din mhix kwistjoni ta' opinjoni iżda xi ħaġa li hemm bżonn issir u għalhekk, filwaqt li ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal laqgħa, għandha tingħata l-informazzjoni bil-miktub u jkollhom ċans isaqsu f'kas ta' diffikulta jew għajnuna. Il-Kunsillier Kurstein Sant irrefera għal pjanta kif inhi innumerata u mmarkata bl-ismijiet proposti, u qal li triq Ramija l-antika għandha tibqa bl-isem oriġinali u mhux kif immarkat. Il-kunsillier Adrian Farrugia qabel ma' dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-raġuni li l-itwal triq baqgħet imsemmija Triq Ramija, mingħajr tibdil, hija għax taffetwa ammont ikbar ta' residenzi u flettijiet fosthom il-kumpless kollu ta' The Oaks li jinsab fi Triq Ramija. Is-Sindku qal li din l-item tiġi finalizzata fis-Seduta li jmiss.

Il-Kunsillier Julian Borg ħareġ fil-7.40pm.

415.9 **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.
Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi rimarki dwar xi applikazzjoni. Ma kien hemm ebda rimarka.

415.10 **Rapport tal-Korrispondenza**

415.10.1 Is-Segeratrju Eżekuttiv irreferiet għall-ittra ta' riżenja ta' waħda mill-istaff klerikali, u infurmat li l-ittra ġiet irtirata qabel is-Seduta.

415.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza mingħand l-Għaqda tan-Nar San Nikola fejn talbu l-użu tas-sala tal-Kunsill għal proġett 3D Hologram b'fondi mill-Arts Council. Is-Sindku propona li l-Kunsill jikkollabora f'dan il-proġett u talab lis-Segretarju Eżekuttiv tikkoordina mal-għaqda.

**415.10.3** Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-istess korrispondenza fejn talbu li bħal ma sar is-sena l-oħra, itellgħu programm pirotekniku għal ftuħ tas-sena l-ġdida, u talbu finanzjament ta' €3500. Is-Sindku propona li din it-talba tiġi milqgħa bil-kundizzjoni li il-kunsill jingħata prominenza fir-reklamar tal-attivita'. Il-Kunsill unanimament approva.

**415.10.4** Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal talba għal laqgħa mil-Arċidjoċesi ta' Malta rigward il-proġett propost ta' restawr tal-kappella tal-Fawwara, u lok ta' kollaborazzjoni mal-Kunsill u mal-Gvern Ċentrali għal finanzjament tal-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-korrispondenza u r-rapport fejn jindika ċ-ċifra ta' €1,364,034.64 eskluż il-VAT. Is-Sindku qal li din iċ-ċifra hija esuberanti u barra mil-limitu tal-Kunsill u għalhekk filwaqt li l-Kunsill għandu jkun involut fil-loġistika tal-proġett, għandhom jiġu mistħarrġa l-possibiltajiet ta' finanzjamenti minn sorsi differenti. Il-Kunsilliera Francine farrugfia semmiet fost oħrajn il-Fondi ta' restawr ta' Postijiet Storiċi u Fondi tal-Unesco.

**415.11** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**415.12** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**415.13** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**415.13.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li daħlu ilmenti dwar ħsarat fil-bandli ta' Nalizpelra. Hija qalet li talbet spezzjoni u stima tal-ħsarat lill-kuntrattur li kien għamel il-bandli. L-istima telgħet għal €5699.40. Is-Sindku talab li ssir spezzjoni biex jiġu identifikati l-prijoritajiet u ssir it-tiswija meħtieġa.

**415.13.2** Il-Kunsillier Francine Farrugia semmiet il-problema rikorrenti ta' rimi illegali fl-area Ramija ħdejn il-kamra tad-dawl. Hija qalet li bħalissa hemm ammont kbir ta' xkejjer bit-terrapien, skart goff u żibel ieħor mormi hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ser jitnaddaf u ġew infurmati il-LESA għal infurzar. Is-Sindku qal li l-ġimgħa l-oħra kellu laqgħa mad-Dipartiment tal-Artijiet li huma propjetarji tal-art quddiem il-fletsijiet, u ġiet imqajma din il-problema, kif ukoll ġew elenkati lista ta' xogħolijiet li hemm bżonn urġenti fosthom il-bdil taċ-ċnut li qegħdin żdingati. Inġibdet ukoll l-attenzjoni tad-Dipartiment tad-Djar biex il-kuntrattur li għamel xogħol ta' manutenzjoni inaddaf warajh.

**415.13.3** Is-Sindku qal li ġie infurmat li bdew xi testing relatati mal-proġett komunitarju fl-area Ramija biex jaraw hemmx basements fl-area u l-possibilta' li ssir riżerva tal-ilma fil-post biex tintuża għat-tisqija tas-siġar.

**415.13.4** Is-Sindku propona li wara s-Seduta li jmiss ta' Diċembru 2021, il-membri tal-Kunsill, flimkien mal-istaff jiltaqgħu għal festin tal-Milied. Parti mill-festin ikun koperti mill-fondi tal-Kunsill kif konċess permezz ta' Memo8/2011, cioe massimu ta' €30 kull persuna. Il-Kunsill unanimament qabel.

**415.14** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-8.05 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru 2021 fil-5.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 20 ta' Diċembru 2021

| | |
|---|---|
| Dominic Grech<br>Sindku | Ritienne Giorgino<br>Segretarju Eżekuttiv |